MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 326/1997/1

Victoria Mifsud Tommasi
vs
Louis Grech qua Chairman Airmalta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' April 1993, hija sofriet ingustizzja billi inghatat preferenza indebita lil certu applikanti bi pregudizzju taghha. Illi l-fatt tal-kaz huwa fil-qosor kif gej:

Fis-6 ta' April 1993 l-AirMalta Company Limited permezz ta' cirkolari numru 30 tas-sena 1993 ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet mill-istaff taghha ghal post ta' Lounge steward jew Lounge Hostess Clerical Grade 1 fl-Executive Lounge maghrufa wkoll bhala Europa Lounge fil-Malta International Airport, l-istess cirkolari tkompli tghid li tinghata preferenza lil Pursers u Cabin Crew tal-Flight

service b'minimu ta' ghaxar snin servizz - Dokumenti A u B.

Illi l-ilment taghha hu fis-sens illi peress li l-passiggieri li jistghu jaghmlu uzu mill-Europa Lounge fl-ajruport huma l-"class club" u il-"very important persons" li jkunu "in transit" u s-servizz moghti lilhom hu kompletament 'self-service' dan hu purament xoghol tal-"Ground Handling Staff" tal-kumpanija u kien ingust li l-lingwagg uzat fl-interview sar bil-lingwagg esklusiv tal-"cabin crew". Ir-rikorrenti tat dettalji ta' dan l-ilment fix-xhieda taghha.

Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex isostni l-ilmenti taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-intimat jirrimedja billi jaghmilha possibli li r-rikorrenti tottjeni din il-promozzjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrenti kumpens fl-ammont li ma jissuperax is-somma ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' AirMalta Company Limited li eccepiet:

Illi l-pretensjonijiet maghmula fir-rikors ta' Victoria Mifsud Tommasi ghandhom jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrenti li s-socjeta' intimata qatt agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront taghha.

2. Illi d-decizjoni tas-socjeta' intimata fuq liema kwalifiki, liema karatteristici u liema kategorija ta' impjegati huma l-aktar xierqa ghal kariga partikolari, hija prerogattiva

assoluta tas-socjeta' intimata u ghalhekk ma tistax tigi sindikata minn ebda Tribunal jew Qorti.

3. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li "**kien ingust illi l-lingwagg uzat fl-*interview* kien dak esklusiv tal-cabin crew,**" hija nfondata peress illi s-socjeta intimata kellha kull dritt tiddeciedi illi x-xoghol li hija tippretendi mill-***Executive Lounge*** kellha tkun ta' natura ta' ***Customer Care*** u li jkollha x'taqsam mat-tmexxija tal-post, liema xoghol huwa simili hafna ghal dak tal ***"Cabin Crew"*** u kompletament differenti minn dak tal-***"Passenger Handling Staff"*** u ghal din ir-raguni id-domandi li gew maghmula fl-"interview kellhom bil-fors ikunu relatati mat-tip ta' xoghol li jsir mill-***"Cabin Crew"***.

4. Illi mhuwiex korrett li l-***Executive Lounge*** huwa kollu "***self service***" kif gie allegat mir-rikorrenti ghaliex ix-xoghol f'din is-sezzjoni jirrikjedi wkoll illi l-***Executive Lounge*** tkun f'kull waqt fornita bl-istock kollu necessarju u tkun dejjem fi stat nadif u ben mantenut, liema xoghol huwa identiku ghal dak tal-***Cabin Crew*** u differenti minn dak tal-***Passenger Handling Staff***.

5. Illi r-rikorrenti giet kklassifikata fl-ahhar post minn tnejn u ghoxrin (22) applikant kif jidher mir-rizultati ta' l-***interview*** ippubblikati mis-socjeta' intimata (hawn annessi u mmarkati bhala Dok A) u minn dawn l-applikanti sitt (6) kandidati gew maghzula.

6. Illi inoltre l-kandidati li gew kklassifikati bejn is-seba'(7) u l-wiehed u ghoxrin (21) post ukoll ma kienux membru tal-"***Cabin Crew"*** u ghalhekk jidher car illi r-rikorrenti ma kienitx tal-livell mixtieq mis-socjeta' intimata ghal din il-kariga u dan lanqas meta pparagunat ma' impjegati ohra li bhar-rikorrenti ukoll ma kienux membru tal-***"Cabin Crew"***.

7. Illi fl-1995 saret sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghal kariga ta' ***Officer Ewropa Lounge (Clerical Grade 1)*** fejn minn sbatax (17)-il applikant li minnhom kellu jintaghzel applikant wiehed biss, ir-rikorrenti giet kklassifikata fis-seba'(7) post (kif jidher mir-rizultati ta' l-ezami bil-miktub u ta' l-***interview*** kif ippubblikati mis-socjeta' intimata,

annessi u mmarkati bhala Dok B) u fejn l-***Interviewing Board*** kien kompost b'membri differenti mill-***Board*** ta' qabel.

8. Illi r-rikorrenti appellat mid-decizjonijiet ta' l-***Interviewing Board*** kemm ta' l-1993 kif ukoll ta' l-1995 quddiem il-Bord ta' l-appell tas-socjeta' intimata liema bord huwa indipendenti u huwa kositiwit minn bniedem rispettabbli li kien membru ta' ***Trade Union*** u dan il-Bord fiz-zewg okkazzjonijiet, cahad it-talbiet tar-rikorrenti u ddecieda li "**jirrizulta li f'ebda hin ma kien hemm xi att ta' ingustizzja kontra l-appellant"** kif ukoll li **"mir-rizultat jidher car li kollox sar regolari kif fil-fatt l-appellant gie kklassifikat skond il-mertu tieghu".** (kopja tar-rapporti tal-bord ta' l-Appell huma annessi u mmarkati bhala Dok C u Dok D).

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi jidher car illi ma kien hemm ebda ingustizzja kontra r-rikorrenti u ghalhekk is-socjeta' intimata talbet lil dan it-Tribunal sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi fl-14 ta' Ottubru, 1999 dan it-Tribunal iddecida dwar l-aspett jekk l-ilment kienx gja gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fis-sens li kien jidher car li l-Kummissjoni ma kinitx investigat il-kaz tar-rikorrenti u ghalhekk cahad dik l-eccezzjoni u ordna li jinstemghu l-provi.

Illi xehdet <u>ir-rikorrenti</u> li lmentat mill-fatt kif kienet harget l-applikazzjoni f'dokument esebit a fol 3 tal-process. Hi

lmentat ukoll li n-nies li kienu ntaghzlu kienu kollha mill-cabin crew u ta’ certu kulur politiku. Semmiet li kellha kors fil-cabin crew meta dahlet mal-Airmalta, u kienet giet minn tal-ewwel f’dan il-kors. Hi lmentat ukoll mill-mod kif sar il-bord tal-appelli fejn wahda mill-persuni li kienet Helen Camilleri li diga kienet fil-bord ta’ l-intimati precedentament. Qalet li wara kienet harget applikazzjoni ghal lounge hostess. Ziedet tghid li meta hargu r-rizultati ghal dan ma kien hemm l-ebda marki ppubblikati, izda l-ismijiet biss. Hi esebiet kopja ta’ appraisal reports minn fol 47 sa 58 tal-process dan sabiex turi li l-appraisal reports bdew isiru iktar b’mod professjonali u meta beda jsir dan hi kienet tinghata 8 marki li hi marka tajba. Semmiet li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront taghha wara l-1987 hi kienet fil-grad ta’ supervisor u kienet qed tigi mqabbda taghmel xoghol ta’ clerk.

Ir-rikorrenti in kontro ezami ziedet tghid li veru li fl-Europa Lounge suppost li jkun hemm nies prezenti 24 siegha. Qalet li kienet taf meta harget l-applikazzjoni ghall-Europa Lounge li se tinghata preferenza lill-cabin crew izda semmiet li hi kienet dahlet mal-Kumpanija bhala cabin crew tant li anke segwiet korsijiet fuq il-cabin crew. Semmiet li kienet a konnoxxenza tal-fatt li l-persuna li tintaghzel irid ikollha ghaxar snin esperjenza u fil-fatt min intaghzel ghall-Europa Lounge kellhom esperjenza aktar minnha.

Xehed <u>Stephen Young</u> li ilu 25 sena mal-Kumpanija intimata u fl-1986 lahaq Manager fis-sezzjoni tal-Administration. Dan hemm sal-1993 meta mbaghad kien gie trasferit ghas-Sales Department u kien ha postu Anthony Degiovanni. Qal li hu vverifika u ma jidhirx li hu kien fuq bord tal-ghazla. Qal lir-rikorrenti jafha mhux ghax kienet tahdem direttament tahtu izda ghax kienet shop steward.

Xehed <u>Wilfred Borg</u> li qal li fl-1993 l-Airmalta kienet iddecidiet li tibni l-Europa Lounge post biex iservi ghall-passiggieri li kienu se jkunu club class. Spjega li din kellha tigi mmexxija min-nies li kienu jaghmlu xoghol ta’ cabin crew. Hu kkonferma li s-sitt persuni li ntaghzlu

kienu cabin crew u hekk ghadhom sal-lum. Min naqas minnhom gie rriplejsjat b'cabin crew.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dan it-Tribunal josserva li meta gie intavolat ir-rikors il-bazi tieghu kien l-ingustizzja ta' kif harget l-applikazzjoni. Infatti fil-korp tar-rikors – tielet paragrafu insibu "Illi l-ilment taghha hu fis-sens illi peress li l-passiggieri li jistghu jaghmlu uzu mill-Europa Lounge fl-ajruport huma l-"class club" u il-"very important persons" li jkunu "in transit" u s-servizz moghti lilhom hu kompletament 'self-service' dan hu purament xoghol tal-"Ground Handling Staff" tal-kumpanija u kien ingust li l-lingwagg uzat fl-interview sar bil-lingwagg esklusiv tal-"cabin crew". Izda fil-kors tal-provi ir-rikorrenti ghazlet li tipprova l-kapacitajiet taghha aktar milli tipprova li c-cirkolari kif formulata kienet ingusta. Ma hemmx konsistenza f'dan. Ukoll fil-kors tat-trattazzjoni saret referenza ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Joseph Mifsud vs Air Malta izda il-bazi ta' dik is-sentenza kien totalment iehor u bazat fuq l-esperjenza li kellu r-rikorrent f'qasam partikolari.

Dwar il-kaz in ezami jinghad li apparti l-eccezzjoni preliminari l-ewwel eccezzjoni hi propju fuq il-meritu u ghalhekk tigi ezaminata aktar 'l isfel.

It-tieni eccezzjoni hija li "Illi d-decizjoni tas-socjeta` intimata fuq liema kwalifiki, liema karatteristici u liema kategorija ta' impjegati huma l-aktar xierqa ghal kariga partikolari, hija prerogattiva assoluta tas-socjeta' intimata u ghalhekk ma tistax tigi sindikata minn ebda Tribunal jew Qorti." Dan it-Tribunal ihossu meraviljat kif nies tal-professjoni legali jaslu biex jesprimu kuncetti bhal dan! L-affarijiet huma **prerogattiva assoluta ta' persuna** meta jkunu jappartjenu lilha u mhux meta tali kumpanija hija propjeta` tal-Gvern ta' Malta u ghalhekk tac-cittadini ta' Malta. Certament li tali decizjoni hija possibilment sindakabbli mill-Qrati – izda biss jekk ihossu li ghandhom l-obbligu li jaghmlu dan ghax din ma tkunx konformi mal-ligi jew ghax tikser xi principju ta' gustizzja naturali. Ghalhekk il-hrug tac-Cirkolari hija possibilment sindakabbli ghalkemm Qorti ghandha l-obbligu li taghmel

dan biss fil-kaz li thoss li ghandha taghmel dan. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Nigu dwar il-meritu u hawn tidhol il-kwistjoni jekk il-Kumpanija kellhiex id-dritt li thoss li ghandha tohrog ic-cirkolari kif harget u cioe` li tghid li “Preference will be given to applicants who are serving as Pursers or Cabin Crew in Flight Services with a minimum of ten years experience in this field”. Ir-rikorrenti tikkontendi li peress li l-passiggieri li jistghu jaghmlu uzu mill-Europa Lounge fl-ajruport huma l-“class club” u l-“very important persons” li jkunu “in transit” u s-servizz moghti lilhom hu kompletament ‘self-service’ dan hu purament xoghol tal-“Ground Handling Staff” tal-kumpanija. It-Tribunal ihoss li ghalkemm Cirkolari hija sindakabbli ma jara xejn tant ingust f’dan il-kaz li jhoss li ghandu jissindikaha u jhoss li l-Kumpanija kella kull dritt li tohrog ic-Cirkolari b’dan il-mod.

Jekk ic-cirkolari hija valida r-rikorrenti setghet issostni li saret ingustizzja maghha jekk tipprova li l-allokazzjoni tal-marki ma saritx b’mod gust. Ir-rizultati gew ezibiti u ghalkemm dawn ma tantx huma dettaljati t-Tribunal ma jhossx li hemm ebda element ta’ ingustizzja fihom. Il-fatt li fl-assessment reports ir-rikorrenti kienet klassifikata tajjeb ma jfissirx li ghal xoghol iehor kienet necessarjament tajba. Il-Bord deherlu mod iehor u ma giex pruvat li saret ingustizzja u ghalhekk fuq il-meritu t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Minhabba li gew michuda l-eccezzjoni preliminari u l-eccezzjoni dwar is-sindakabbilta` tal-Kumpanija, waqt li giet milqugha l-eccezzjoni fuq il-meritu, spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------